# Ateatru

jippreżenta

# LAMENT

u

# QABEL CALABRIA

kitba u direzzjoni

IMMANUEL MIFSUD

7,8,14,15 ta' Frar, 1987

fis-7.00pm: tigne'—sliema



# NOTA TAL-AWTUR

Il-karattri li se tiltaqghu maghhom illejla mhumiex fittizji. Ghal hafna, biex ma nghidx ghal kulhadd, huma karattri li jhammgu l-wicc tal-pajjiz - "il-hmieg tal-art, u it-trab massaqajn." Ghal hafna, huma karattri li b'wicchom biss juru li huma redikoli, li ta' min ihares lejhom bic-ciera, jew biz-zufjett, filwaqt li hemm min anqas biss ihares lejhom. Ghal hafna, biex ma nghidx ghal kulhadd, huma karattri li sfaw imwarrba "b'min hadd ma jrid jaf." Min huma dawn innies li jqattghu hajjithom jigru barra fit-toroq? U ghal hafna, biex ma nghidx ghal kulhadd, dawn in-nies, tant gew imwarrba, li saru misteru fihom infishom. Il-'ligi' tal-liberta'. U l-liberta' tiehu dimensjoni ohra f'dawn il-karattri: it-twelid - helsien mill-guf, helsien mid-dlam u l-eghluq ta' gol-guf. Il-helsien minn dipendenza totali.

Ic-ciklu tal-hajja: u wara li nitwieldu naslu biex immutu. Mewt. Ghal hafna, biex ma nghidx ghal kulhadd, dil-kelma tfisser bizgha - l-inesperjenza. "X'jigifieri ezatt tmut?" Hemm similarita' bejn l-irqad u l-mewt? Imbaghad hemm fattur iehor: l-idea Freudjana tad-death-wish, imqar fl-inkonxju, meta wiehed, konxjament, jiksah quddiem il-mewt. Veru jew le li hemm hajja ohra wara din? Jista' jaghti l-kaz li din ta' hajja ohra hija biss hlieqa religjuza/kulturali, jew illuzjoni li halaq il-bniedem stess biex itaffi mill-bizgha tal-mewt?

"Qisna mmutu." "Immutu veru xi darba." "Meta?"
"Ma nafx." "Kulhadd hekk se jigrilu." "Ghalfejn?"
"Ma nafx." "Immorru nghixu f'xi post iehor." "Ghaliex ma nibqghux hawn....?"
U meta wiehed jara dawn il-mistoqsijiet kollha ma jiddardarx izid ohra hu: "Ghalfejn twilidna wara kollox?" il-FQIRA twiegeb: "Biex nohorgu minn dak id-dlam li kien hemm hemm gew....."

"Il-bniedem huwa artab u dghajjef meta haj; irmazzat u iebes meta mejjet. Il-haxix u s-sigar huma rotob u fragli meta hajjin; nixfin u mkemmxin meta mejtin. Mela, l-iebes u s-samm huma relatati mal-mewt; l-artab u d-dghajjef mal-hajja."

--Tao Te Ching

# JIEHDU SEHEM

## LAMENTI

RAGEL....Tony Briffa
FQIRA....Jennifer Camilleri
FQIR 1...Hubert Mugliette
FQIR 2...Toni Sant

## QABEL CALABRIA

ALFA.....Nadya Parnis
BETA.....Silvana Sammut
MARA.....Pat Zahra
RAGEL....Philip Stilon
PUPAZZ...Isabelle Gatt
SULDAT...Joe Camilleri

Muzika...Toni Sant
Edgar Micallef
Marcelline Naudi

Stage....Michael Fenech

Set......Tony Briffa

Dwal.....Guzi Gatt

Direzzjoni
Immanuel Mifsud

Ateatru

jippreżenta

# LAMENT
u
# QABEL CALABRIA

kitba u direzzjoni

IMMANUEL MIFSUD

7,8,14,15 ta' Frar, 1987

fis-7.00pm: tigne'—sliema

